# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar il-Gimgha 22 ta' Frar 2002

Citazzjoni numru 337/97 AJM

Kawza numru 9

Bernard u Marlene konjugi Licari

Vs

Tug Malta Ltd.

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fl-14 ta' Frar 1997 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew li humal-proprjetarji tal-fond numru wiehed u ghaoxrin (21) Sir Luigi Preziosi Square, Floriana, f'liema fond jirresjedu l-atturi; illi f'dan l-ahhar zmien is-socjeta' konvenuta effettwat xogholijiet ta' natura strutturali fil-fond numru ghoxrin (20) Sir Luigi Preziosi Square, Floriana, minnha okkupat, liema fond hu adjacenti ghar-residenza ta' l-atturi fuq imsemmija; illi bhala konsgwenza diretta ta' dawn ix-xogholijiet intraprizi mis-socjeta' konvenuta, l-attur sofrew danni sia fl-istruttura tal-fond proprjeta' taghhom u sia ukoll fi hsarat f'diversi effetti mobbli sitwati fl-istess fond, u dan kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi s-socjeta' konvenuta ghalkemm inizjalment

tat bidu ghal certi xogholijiet ta' tiswijja u riparazzjoni fil-fond proprjeta' ta' l-atturi, baqghet ma gham,itx tajjeb, kif obbligat ruhha li taghmel, ghal hsarat u danni kollha sofferti mill-atturi u dana minkejja diversi interpellazzjonijiet ghal dan l-iskop; talbu li din il-Qorti:-

1. tiddikjara lis-socjeta' konvenuta responsabbli ghal hsarat u danni kollha sofferti mill-atturi fil-fond numru 21 Sir Luigi Preziosi Square, Floriana proprjeta' taghhom u f'diversi effetti mobbli sitwati f'dan il-fond kagunati bhala konsegwenza diretta tax-xogholijiet effettwati mis-socjeta' konvenuta kif fuq inghad.
2. Tillikwida dawn id-danni konsegwenzjali hekk sofferti, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;
3. Tikkundanna thallas lill-atturi tali somma hekk likwidata.

Bl-ispjjes inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju ta' l-24 ta' Lulju 1995 u interessi legali kontra s-socjeta' konvenuta li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta presentata fid-29 ta' Dicembru 1997 li permezz taghha eccepiet illi t-talbiet attrici nkwantu diretti kontra l-eccipjenti nomine huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes peress:-

1. Ix-xogholijiet ta' natura strutturali li saru fil-fond 20, Sir Ligi Preziosi Square, Floriana proprjeta' tas-socjeta' konvenuta, saru mill-A.X. Construction Limited u r-responsabbilita' ghall-allegati hsarat u danni sofferti mill-atturi, se mai, hi tal-imsemija kumpanija li ghandha wkoll tigi kjamata fil-kawza.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, trid issir il-prova tal-hsarat u tad-danni li realment sofrew l-atturi b'konsegwenza diretta tax-xogholijiet strutturali in kwistjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tas-socjeta' konvenuta.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-5 ta'Frar 1998 quddiem din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tas-27 ta' Marzu 1998 sabiex tigi trattata u deciza.

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Mejju 1999 meta gie mahtur bhala espert tekniku l-AIC Joseph Ellul Vincenti sabiex jistabilixxi l-ilmenti tal-atturi jirrelata dwar jekk dawn gewx rimedjati jew le mis-socjeta' konvenuta u fin-nuqqas jillikwida l-kumpens dovut.

Rat ir-rapport tal-espert tekniku mahluf fl-udjenza tat-13 ta' Gunju 2001.

Hadet konjizzjoni tal-provi kollha prodotti u tas-sottomissjonijiet maghmula. Rat ukoll il-verbal tal-udjenza tat-13 ta' Lulju 2001 meta s-socjeta' konvenuta rrimettiet ruhha ghar-rapport peritali.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-26 ta' Novembru 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

L-atturi qed jissottomettu li huma sofrew danni bhala konsewgenza ta' xogholijiet strutturali intraprizi mis-socjeta' konvenuta fil-fond minnha okkupat li jinsab adjacenti l-proprjeta' ta' l-atturi. Dawn il-hsarat huma f'sens generali maqsuma f'zewg partijiet. Dawk li jikkoncernaw l-istruttura tal-fond tal-atturi u dawk li jikkoncernaw effetti ancillari u accessorji ta' proprjeta' tal-atturi.

Il-perit tekniku mahtur minn din il-Qorti identifika l-ilmenti kollha mressqa mill-atturi kif jidhru fir-rapport u wara li ghamel l-kummenti tieghu fuq kull ilment wasal ghal konkluzzjoni li l-kumpens dovut lill-atturi kellu jkun fl-ammont ta' LM300.70 kif elenkati fil-paragrafi (a) sa (o) tar-rapport a fol 107 sa 111 tal-process u fil-paragrafi i) u ii) tar-rapport a fol 111 tal-process.

Dan ir-rapport gie kritikat mill-atturi billi in parti, l-ammonti likwidati mill-perit ghall-xogholijiet li huwa hass li kellhom isiru sabiex tigi sanata l-hsara kagunat, gew ritenuti bhala baxxi hafna u ma jirriflettux is-sitwazzjoni odjerna fil-kamp tax-xoghol in kwistjoni. Gie ukoll kritikat l-istess perit billi dahal f'kamp li ma kienx ta' kompetenza tieghu bhal ma hi l-kwistjoni tal-pitturi danneggati, tal-plat antik li xxaqqaq u tal-pjanti fil-bitha li kellhom jigu rimpjazzati.

Fir-rigward tal-hsarat ta' natura strutturali u l-kumpens li ghandu jinghata fir-rigward din il-Qorti jidher li llum hija marbuta b'dak li hemm fir-rapport peritali nkwantu fis-seduta tat-2 ta' Lulju 1999 mizmuma quddiem l-istess perit gie verbalizzat hekk mill-partijiet:-

"*Il-partijiet ikkultivaw il-possibilita' ta' transazzjoni u f'dan is-sens qed <u>jaqblu</u> li ghal dak li jirrigwarda ix-xogholijiet strutturali u ta' manutenzjoni li tal-volta ghad irid isir fil-fond ta' l-atturi, ghandhom jigu*

*stimati mill-perit tekniku nominat mill-Qorti u l-partijiet qedin jaqblu li joqghodu fuq tali valutazzjoni."*

B'dan il-mod il-partijiet issottomettew l-pendenza ta' bejniethom limitatament ghal dawk li huma hsarat strutturali, ghal l-hekk imsejjah "*gudizzio del terzo*". Dan il-gudizzju inghata definittivament mill-espert tekniku fir-rapport fuq riferit. Illum ghalhekk l-ilmenti li jgiebu n-numri rispettivi fir-rapport minn numru wiehed (1) sa numru disgha (9) u minn numru tnax (12) san-numru erbghatax (14) li gew stimati fis-somma komplessiva ta' mitejn u disghin lira u sebghin centezimu (LM290.70) huma determinati billi l-kontendenti qablu li joqghodu fuq il-gudizzju tal-perit legali.

Fir-rigward tal-ilmenti li jgiebu in-numri rispettivi ghaxra (10) u hdax (11) kif ukoll dawk l-ilmenti l-ohra li jinsabu elenkati bin-numri (i) u (ii) fir-rapport kif fuq inghad, jigi rilevat li fil-verbal fuq imsemmi jinghad hekk a propositu:

*"Fit-tieni lok ghar-rigward l-effetti mobili elenkati a fol 30 tal-process mill-istess atturi li komplessivament jammontaw ghal LM885, dan ghadu suggett ghan-negozjati wara konferma ta' l-istima gia msemmija".*

Jidher ghalhekk li fir-rigward ta' dawn l-ilmenti l-partijiet qablu li jinhargu mill-inkarigu tal-espert mahtur mill-Qorti ghalkemm dan, skond id-digriet tan-nomina, kellu jidentifika l-ilmenti u occorrendo jillikwida l-kumpens.

Dwar dawn l-ilmenti l-perit legali ma segwix l-ftehim redatt fil-verbal imsemmi u sahansitra ghadda biex ghamel il-kummenti tieghu fuq l-validita' tad-diversi ilmenti u anke, filwaqt li skarta l-maggor parti

tal-ilmenti, llikwida kumpens tenwu limitatament ghat-tindif tal-pjanti li allegatament gew miksija bit-tajn u skond l-atturi distrutti bhala rizultat.

Din il-Qorti wara li hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tenut kont ukoll tal-iskodmu soffert mill-atturi bhala rizultat tax-xogholijiet intraprizi mis-socjeta' konvenuta, tenut kont ukoll li l-allegazzjonijiet tal-atturi, ghalkemm jidhru ezorbitanti, ma gewx ikkontestati b'mod inciziv mis-socjeta' konvenuta, hija tal-fehma li ghandha tillikwida kumpens *arbitrio boni viri* f'dan ir-rigward u ghalhekk sejra takkorda kumpens lill-atturi ghal dawn id-danni fis-somma ta' tlett mitt lira (LM300.00). B'kollox ghalhekk jigi li d-danni dovuti lill-atturi qeghdin jigu likwidati fis-somma komplessiva ta' hames mija u disghin lira maltin u sebghin centezimu (LM590.70).

Dwar l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta jidher li ma tressqux provi u lanqas ma saret insistenza li s-socjeta A.X. Construction Limited tissejjah fil-kawza. Inoltre l-istess soscjeta' konvenuta fl-udjenza tat-13 ta' Lulju 2001 irrimettiet ruhha ghar-rapport peritali b'mod li accettat responsabbilita' ghall-akkadut.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, tilqa' t-talbiet attrici w konsegwentement tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' hames mija u disghin lira maltin u sebghin centezimu (LM590.70) ghas-saldu tad-danni kollha sofferti mill-atturi kif fuq inghad, u dana bl-imghax legali mil-lum.

L-ispejjes fic-cirkostanzi ghandhom jigu sopportati mis-socjeta' konvenuta.